MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1283/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra.**

**vs**

**Vincent Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' disgha u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm49.56) dovuti kwantu ghal Lm42 Royalty, dovuta bil-quddiem ghal perijodu bejn is-6 ta' Settembru 2003 sal-5 ta' Settembru 2004 in konnessjoni mal-licenzja nru.010661 (Dokument A anness ma'l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment

"Antonio Staggers Restaurant", San Pawl il-Bahar u Lm7.56 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tat-30 ta' Novembru 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta'l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' disgha u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm49.56), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Settembru 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------